MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2453/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance p.l.c. u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Caruana abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Joseph Caruana [751746(M)]**

**Vs**

**Raymond Zammit**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' disa' mija u tmienja u

sebghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm978.35c) rapprezentanti danni subiti b'rizultat ta' kollizjoni li sehhet fit-22 t'Awissu, 2002 waqt li l-vettura ta' l-attur, misjuqa minn ibnu Randall Caruana, numru ta' registrazzjoni IBA 932, giet milquta mill-karozza ABB 976 misjuqa mill-konvenut fi Triq Annibale Preca, Lija.

Il-kollizjoni giet ikkontestata u l-konvenut isostni li l-kollizjoni sehhet unikament tort ta' l-imsemmi Randall Caruana.

Sema' x-xhieda ta' Luciano Caruana, Randall Caruana, Pierre Federico La Notte, PS 1122 Arthur Rizzo u tal-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Ramona Frendo ghall-atturi u ta' Dr Stephen Muscat ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Randall Caruana, li kien qieghed isuq il-karozza ta' l-attur Joseph Caruana, kien tiela' Triq Annibale Preca, Lija, bil-karozza numru ta' registrazzjoni IBA 932. Fl-inhawi fejn sehh l-incident it-Triq Annibale Preca hija *two way*.

Il-konvenut kien hiereg minn Triq il-Mirakli li hija *side road* bl-intenzjoni li jmur fid-direzzjoni opposta ta' minfejn kien gej Caruana. Fix-xifer ta' Triq il-Mirakli hemm *stop sign* miktub fuq it-triq u faccata ta' l-i*stop sign* mall-hajt hemm mera biex minnha, min ikun hiereg minn Triq il-Mirakli, jkun jista' jara jekk kienx gej it-traffiku minn Triq Annibale Preca.

L-incident gara proprju fil-mument li kien hiereg il-konvenut minn Triq il-Mirakli u l-attur ghaddej biswit l-istess lokalita'.

Mill-provi prodotti u partikolarment minn ezami ta' l-i*sketch* esebit, jirrizulta li ftit qabel l-incident l-attur kien pjuttost

*wrong side* u jirrizulta wkoll li l-kollizjoni saret *on the crown of the road* - anzi ftit *wrong side* ghall-attur u cjoe' ftit fuq in-naha tat-triq tal-konvenut.

Tenut kont tal-premess, it-Tribunal jidhirlu li l-kollizjoni grat minhabba zewg fatturi. Fl-ewwel lok minhabba li l-attur ma kienx qieghed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq u fit-tieni lok minhabba li l-konvenut, meta hareg minn Triq il-Mirakli ghal fuq Triq Annibale Preca, ma ndunax li kien hemm vettura gejja fid-direzzjoni opposta tieghu. F'dan ir-rigward tajjeb li wiehed jezamina r-responsabbilta' rispettiva taz-zewg sewwieqa.

Fir-rigward tal-konvenut, bhala sewwieq li qieghed johrog minn fuq *side road*, kellu obbligu li jieqaf fis-*side road* u qabel ma johrog fil-*main road*, jesplora t-triq tajjeb u jaccerta ruhu li jista' johrog minghajr xkiel ghat-traffiku li jkun hemm fil-*main road*. Huwa evidenti li mill-fatt li l-konvenut ma ndunax li kienet gejja l-vettura misjuqa minn Caruana, jfisser li huwa m'esplorax sew it-triq principali qabel ma hareg fiha. Huwa kellu mera li fiha seta' jara t-traffiku li kien gej minn Triq Annibale Preca. Dan ifisser li l-konvenut ma kienx qieghed izomm *a proper lookout* u ghalhekk ghandu responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni.

Jibqa' biex jigi ezaminat jekk hemmx xi element ta' kontributorjeta' da parti ta' Randall Caruana. Caruana jghid li huwa kellu raguni ghaliex kien qieghed fuq in-naha l-ohra tat-triq billi ftit iktar 'l isfel mil-lokalita' hemm *side road* u haseb li setghu jemergu karozzi mis-*side road*, li qieghda fuq in-naha tax-xellug tieghu, u inoltre, aktar 'il fuq kien hemm vettura pparkjata w anki rampa mall-genb tat-triq. Minn ezami tar-ritratti esebiti jidher illi r-rampa li jsemmi Caruana hija aktar 'il fuq minfejn sehh l-incident u inoltre, ma kellux ghalfejn ikun tant *wrong side* biex ikun jista' jghaddi liberament. L-attur Caruana jghid li huwa midhla tal-lokalita' u ghalhekk kien ukoll midhla li Triq il-Mirakli ma' Triq Annibale Preca hija *blind corner*. Huwa kien ftit *wrong side* proprju fejn hemm il-*blind corner* u ma jsibx gustifikata l-ispjegazzjoni moghtija minn Caruana ghaliex huwa hass li kellu johrog *wrong side*.

Ghat-Tribunal, dan it-tip ta’ sewqan huwa sewqan imprudenti u ghalhekk Caruana ghandu jerfa’ ftit mill-piz ta’ l-incident li t-Tribunal jikkwantifika ghall-kwart (1/4).

Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghal tlett kwarti (3/4) tad-danni mitluba mill-atturi u billi m’hemmx kontestazzjoni fuq id-danni kif gie vverbalizzat fis-seduta tat-22 ta’ Gunju, 2004 it-talba ta’ l-atturi ghandha tigi akkolta fis-somma ridotta ta’ seba’ mija u tlieta u tletin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm733.75c).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut responsabbli fi grad ta’ tlett kwarti (3/4) ghall-kollizjoni in kwistjoni, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta’  seba’ mija u tlieta u tletin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm733.75c) bl-interessi kif mitluba.  L-ispejjez ikunu kwantu ghal kwart (1/4) ghall-atturi u tlett kwarti (3/4) ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------